**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

**17, ta' Mejju 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 24.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Oriana Calleja li ma setatx tattendi l-laqgħa minhabba raġunijiet ta' skola minħabba li daqt waslulha l-eżamijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 24.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

24.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.4.1 Is-Sindku saqsa kif konna bqajna rigward dawk l-inċidenti li kien hemm fi Triq ix-Xatt fejn kien hemm 4 persuni jikkomplenjaw li għamlu ħsara fil-karozza minħabba ħofra li kien hemm fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li meta kienet iċċekjat mal-insurance ġiet infurmata li aħna m'aħniex covered għal dawk l-inċidenti li huma inqas minn €350. Jiġifieri tlett inċidenti iridu jinħarġu mill-fondi tal-kunsill u ieħor irridu nħallsu €350 biex inħallsu l-excess, il-kumplament jitħallas mill-insurance.

Il-Kunsill qabel li dawk li huma inqas minn €350 jitħallsu mil-fondi tal-kunsill u dak li jiswa iktar inħallsu l-excess u kif ssir s-survey nimxu skond ta' min kien it-tort. Hekk it-tort ikun tax-xuffier nitolbuh l-excess lura.

24.4.2 Is-Sindku qal li jinsab iddiżappuntat li ma lħaqniex ipparteċipajna fil-Fibromyalgia International day. Huwa spjega li ma pparteċipajniex minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qed issegwi azzjonijiet industrijali u l-e-mails beda jarahom l-iskrivan u sfortunatament waqa xi xogħol b'lura. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li l-iskrivan żdiedlu x-xogħol minħabba l-azzjonijiet industrijali allura tifhem li ma lħaqniex

nieħdu sehem.

24.4.3 Is-Sindku qal li minħabba l-azzjonijiet industrijali waqa ħafna xogħol b'lura u waqa ħafna xogħol fuq l-iskrivan Aris John Fenech. Is-Sindku qal li peress li issa naqsu ħafna l-każijiet, jissuġġerixxi li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Anna Micallef terġa tibda taħdem mill-uffiċju. Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li d-Dipartimenti tal-Gvern min nhar Tnejn se jerġgħu jibdew jaħdmu mill-uffiċju. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li għad ma rċevejniex direttiva mid-Dipartiment. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet jekk is-Sa Micallef tħossiex komda terġa taħdem mil-uffiċju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet kellmitha iżda tidher li hija għadha qed tibża minħabba li trid tirkeb tal-linja biex tiġi għax-xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda li jekk taċċetta terġa tibda tidħol, u aħna noffrulha it-trasport.

## 24.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

24.5.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa li l-bankini li konna ddeċidejna li nagħmlu jekk hux se Jinħarġu mil-fondi tal-kunsill jew minn xi skema. Is-Sindku irrisponda li dik kienet għaddiet waqt laqgħa tal-kunsill li napplikaw għal skema imma hekk ma tiġix aċċettata isiru mil-fondi tal-kunsill.

## 24.6 Skemi u fondi mhux użati;

24.6.1 Is-Sindku irid jikkonferma li l-iskema li inħarġet mid-Dipartiment rigward l-attivitajiet hijiex l-istess waħda li konna applikajna għaliha diġa. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermatlu dan u qalet li din hija l-istess skema ta' meta kienu marru flimkien ir-Reġjun Ċentru, u għaddew l-applikazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru Jeanette Galea.

24.6.2 Is-Sindku staqsa xi skemi hemm miftuħa li għadna ma applikajniex għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bhalissa hemm miftuħa tal-lifelong learning li aħna sena wara sena dejjem applikajna ghal korsijiet tal-crochet u hemm oħra tal-community inclusive scheme.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li ma ssibx oġġezzjoni li napplikaw għal tal-Community Inclusive Scheme hekk dejjem għandna xogħol xi ntuhom. Is-Sindku spjega li peress li għandna nies mil-iskema tal-Community Worker Scheme ma tantx hemm xogħol li nistgħu ntuwhom.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hekk nistgħu ngħinu lil xi persuna b'dizabilita' huwa jaqbel li napplikaw jekk dejjem ikun minn Ta' Xbiex. Is-Sindku Max Zammit qal li kelna wieħed li darba kien interessat iżda issa qiegħed resident f'Dar ta' Bjorn. Huwa qal ukoll li ssoltu

24.6.3 dejjem javviċinana xi hadd imma din id-darba ħadd ma kellmu.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm ukoll dik l-iskema tal-istudenti. Is-Sindku u l-

24.6.4 Kunsillier Ronnie Portelli qalu li diga avvicinawh xi studenti li huma interessati.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hemm skemi maħruġin mir-Reġjun Ċentru li għadna ma applikajniex għalihom, hija qalet li dawn l-iskemi rridu jkunu lesti sa Settembru ta' din is-sena. Is-Sindku qal li rridu niddeċiedu għal liem proġett se napplikaw biex nilħqu nimplementaw il-proġett.

Is-Sindku issuġġerixxa li bl-iskema 1 li għandna €34,000 nistgħu nagħmlu:

- it-taraġ li hemm madwar il-housing estate
- green wall fi Triq Abate Rigord bejn Blk E2 u Blk E5
- green wall Triq ix-Xatt eżatt taħt Triq ir-Rampa
- wara li ssir Triq ix-Xatt nagħmlu l-bankini bil-madum għax l-Infrastruttura Malta jagħmluhom biss bil-konkos
- Dawl ta' taħt il-bankina fi Triq ix-Xatt

24.6.5 Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerixxa ukoll li nagħmlu embellishment tas-soft area fejn hemm il-bandiera.

24.6.6 Is-Sindku qal li minħabba s-Segretarju Eżekuttiv kienet qed issegwi azzjonijiet industrijali tlifna l-iskema li kienet ħarġet il-Planning Authority tal-Green Wall mal-faċċata tal-ħajt tal-entratura tal-Kunsill. Huwa qal li qabel ma bdew dawn l-azzjonijiet konna diġa ordnajna li ssir survey biex nkunu nistgħu napplikaw. Għaldaqstant peress li dan ix-xogħol kien diġa ġie ordnat se jkolna nħalsu tas-survey xorta.

24.6.7 Is-Sindku qal ukoll li kien hemm skema ohra li kienet inħarġet min naħa tal-Lesa iżda sfortunatament tlifnija minħabba l-azzjonijiet industrijali.

24.6.8 Is-Sindku qal li nħarġet skema mil-Ministeru tal-Ambjent rigward Embellishment Urban Squares, huwa spjega li din m'għandna l-ebda informazzjoni fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li pruvat tikkuntatjahom pero qatt ma wieġbuha. Ġie deċiz li tintbagħat e-mail biex naraw għadniex fiċ-ċans li napplikaw.

Is-Sindku qal li hemm skema maħruga mir-Reġjun Ċentru rigward Avveniment Soċjo Kulturali li minn din l-iskema nistgħu nibbenefikaw €10,000 minnha.

24.6.9 Il-Kunsill qabel li minħabba restruzzjonijiet tal-Covid-19 nistgħu napplikaw għal Jum Ta' Xbiex bid-differenza li ssir online, is-Sibt 31 ta' Lulju,2021.

Is-Sindku qal li hemm Skema 8 fejn b'din l-iskema stajna ngħinu lill-għaqdiet ġewwa Ta' Xbiex. Huwa qal li bħala kunsill konna ftehmna li ngħinu lil tal-futol kif ukoll lill-knisja. Iżda għadna qed nistennew risposta m'għand il-kappillan biex jgħidilna x'għandu bzonn eżatt. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-kappillan infurmah li għandu bżonn jixtri xi għamara.

24.6.10 Il-Kunsill qabel li tinxtara din l-għamara.

Is-Sindku qal li għad għandna skema pendenti tal-ispinning photos fejn rridu nagħżlu 2 postijiet min ġol-lokal u jmorru jieħdu r-ritratti u jitfawhom fuq site flimkien mal-lokalitajiet

tar-Reġjun Centru. Huwa qal li ovvjament wieħed minnhom irid ikun il-Belvedere iżda peress li hemm xi xogħljiet għaddejin bħalissa mhux l-ideali li jittieħdu xi ritratti.

Il-Kunsill qabel li din l-iskema tiġi diskussa iktar il-quddiem.

24.6.11

Is-Sindku qal li ħarget skema "Sejħiet għal-proġetti taħt il-programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERD European Membarance Town Twinning/Network of Towns". Is-Sindku qal li huwa kien irrakomanda li jekk mhux se jsir xi ħaġa ma dawk li l-kunsill għandu town twinning eżistenti magħhom naraw għadniex fiċ-ċans li nagħmlu Town Twinning mal-Kavala li darba l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti kienet semmiet.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li se tikkuntatjahom terga. Hija qalet li probabilment dawn għadhom interessati.

Ġie deċiż li niċċekjaw li din l-iskema hija eliġibbli ghal-Town Twinning mal-Kavala ġewwa l-Greċja u jekk għadhom interessati napplikaw. Is-Sindku qal li għandna xahar ċans biex napplikaw u qal li jekk naraw li mhux se nlaħħqu nippruvaw nagħmlu xi ħaga mal-Italja.

Il-Kunsill qabel.

## 24.7 Panelli Blk E1;

24.7.1

Il-Kunsill qabel li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 24.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

24.8.1

Ma kienx hemm

## 24.9 Rapporti mill-Kunsilliera;

24.9.1

Ma kienx hemm

## 24.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;

24.10.1

Il-laqgħa li jmiss ha ssir l-Erbgħa 9 ta' Gunju fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet fis-seba u nofs ta' filgħaxija.

Konfermati llum l-Erbgħa 9 ta' Ġunju, 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |